# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 770

KAZ NRU. 1085

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Patrick Gabarretta

u

Mediterranean Film Studios

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 9 ta' Dicembru 1996

**Chairman : Is-Sur Albert J. Tabone**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 11 ta' Ottubru, 1996 b'referenza ME 4/95/193/III skond il-provvedimenti ta' Artikolu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm zewg (2) seduti.

Is-sur Gabarretta gie mpjegat mal-kumpanija fuq xoghol ta' security fid-9 ta' Ottubru 1995. L-impjieg kien ghal perjodu ta' prova ta' sitt xhur skond kif stabbilit fil-Ftehim Kollettiv. Kemm l-appellant u kemm il-kumpanija jaqblu li l-impjieg gie mitmum fit-8 ta' April 1996, jigifieri meta kien ghadu ma spiccax il-perjodu ta' probation.

L-appellant, permezz tal-avukat tieghu, izda jikkontendi li l-gimgha paga tan-notice li nghata twassal ghall-konkluzzjoni li kien ghadu fl-impjieg wara li ntemm il-perjodu ta’ probation. Il-kumpanija rribattiet dan l-argument b’nota tas-26 ta’ Novembru 1996.

It-Tribunal m’ghandux dubbju li l-hlas ta’ gimgha paga wara li harget in-notifika ta’ temm ta’ mpjieg kien intiz biss biex min ihaddem jikkonforma ruhu mal-obbligu li timponi Sezzjoni 34(5) ta’ l-Att dwar Kundizzjonijiet ta’ Impjieg (Regolamentazzjoni) (Kap 135 tal-Ligijiet ta’ Malta) u bl-ebda mod ma tawwal iz-zmien ta’ mpjieg tas-sur Gabarretta wara d-data tat-8 ta’ April 1996.

It-Tribunal ghalhekk jikkonferma li l-impjieg tas-sur Patrick Gabarretta gie mitmum b’effett minn data meta kien ghadu fuq il-perjodu ta’ probation u ghalhekk ma kienx hemm lok ta’ appell u ma jiehux aktar konjizzjoni tal-kaz.

Ghal finijiet tar-Regolamenti ta’ l-1986 (A.L. 48 ta’ l-1986) dwar drittijiet li jithallsu maghmula taht il-Kapitolu 266 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal qieghed jintaxxa lil kull wiehed miz-zewg difensuri d-dritt ta’ tmienja u ghoxrin liri maltin. (Lm28).

----------------------
Albert J. Tabone
CHAIRMAN

------------------
Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg